


# Ir-rikorsi ppreżentati mill-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss wara l-ħerba tal-gwerra

## It-tieni parti: 1953-1960

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**
**S.Th.D. (Romae)**



Fil-ħarġa tas-sena l-oħra tajna daqqa t'għajn lejn it-talbiet li saru mill-Arċikonfraternità tas-Santissimu Kurċifiss tal-Belt Senglea fl-ewwel sitt snin ta' wara l-gwerra, meta l-ħajja fil-belt imġarrfa reġgħet bdiet tieħu r-ruħ. Ħafna mir-rikorsi li jikkonċernat il-bini mill-ġdid u l-akkwist ta' oġġetti li ntilfu kienu saru f'dawn is-snin. Għal din is-sena se nkomplu l-mawra tagħna fl-istorja ta' din l-Arċikonfraternità u l-Oratorju tagħha fl-għaxar snin ta' wara, fejn ix-xogħol ma jaqtax u fejn naraw l-akkwisti ġodda li saru bil-ħidma tal-prokuraturi l-Kanonku Vincenzo Camilleri u s-Sur Ġużeppi Genovese u s-Segretarju l-Kanonku Kantur Gaffiero.

**24 ta' Jannar 1953**[1]: L-ewwel rikors li konna rajna li sar fit-12 ta' Lulju 1946 kien jikkonċerna l-**ventartal tal-fidda li sar għar-Redentur** u li kellu jintrama quddiem in-niċċa fil-festa ta' Marija Bambina. Ir-rikors



*Il-ventartal tar-Redentur li żżanżan fl-1953*

li se nibdew bih din id-darba huwa wkoll marbut mal-istess ventartal. Fih il-Prokuratur Kan. Vincenzo Camilleri jfakkar lill-Isqof li fis-6 ta' Novembru 1952 huma kienu talbu biex ibiegħu xi eks voto tar-Redentur biex ikunu jistgħu jħallsu dan il-ventartal, u li fl-10 ta' Diċembru l-Isqof kien ta l-permess tiegħu. Hawn Camilleri jispjega lill-Isqof li sakemm dawn isibu l-bejgħ bilfors li kellu jgħaddi xi żmien u għalhekk jitlob il-permess li jiġbed is-somma ta' £829 u 15-il xelin mill-*Cassa delle Pie Amministrazioni* biex ikun jista' jħallas kemm għall-ventartal kif ukoll biex jirritorna £300 lill-Isqof innifsu li kien ta lill-Kanonku Francesco Abela meta bdiet ir-rikostruzzjoni tal-Oratorju mġarraf. Camilleri jispjega li dawn il-flus kienu jinsabu fiċ-ċedoli numri 5576, 5811, 6203, 6269, 26, 3925, 7700, 9015, 9975, 10238 u 11086. Dakinhar stess li tressaq, ir-rikors għadda lid-depożitarju tal-*Cassa* u dan ikkonferma li l-flus kienu hemm u ma kinux marbutin għal użu ieħor. Il-permess ingħata jumejn wara bil-firma tal-Isqof Senglean Emmanuele Galea.

**15 ta' Diċembru 1954**[2]: Għal kważi sentejn ma nsibu l-ebda rikors ieħor, forsi minħabba li l-ispejjeż għall-imsemmi ventartal ma ħallewx wisq flus f'idejn l-Arċikonfraternità u għalhekk nifhmu li matul dan iż-żmien kienu qed jerġgħu jiġġemmgħu l-fondi biex ikun jista' jsir aktar xogħol. Sadattant il-Kanonku Camilleri kien spiċċa minn Prokuratur u floku laħaq Ġużeppi Genovese li kien prokuratur ieħor li ħadem ħafna b'risq l-Arċikonfraternità.




*Is-Santa tar-Redentur li ħarġet qabel ma ġiet indulġenzjata fl-1956*



**TALBA LIL ĠESU' REDENTUR**

O twajjeb u ħanin Ġesù, Feddej tal-bnedmin, hawn jiena mixħut għarkubtejja quddiemek, minnli kollni tama mill-wegħdiet tiegħek, nitsaq bl-umiltà kollha f'riġlejk biex miegħek inserraħ id-dwejjaq tal-qalb tiegħi. Jiena naf li għal dnubieti ma jistħoqqlix nidher quddiemek, imma qalbi sogħbiena għall-imgħoddi, nagħtik kelma soda li qatt iżjed ma nerġa' noffendik. Meta niftakar li Lejk resqu l-aqwa midinbin, u inti ma warrabtx minnhom, jiena nħossni nimtela' bit-tama li taħfirli dnubieti u tismagħni.

Kbira hija x-xewqa tiegħi, o Ġesù Redentur, li inti tieqaf miegħi fil-bżonnijiet tiegħi kollha. U oh! kemm huma kbar il-bżonnijiet u bħalissa ninsab fihom. Ix-xejn tiegħi nħossu jaqtagħli qalbi. Imma meta nħares Lejk, o Ġesù u nilmħek imgħobbi bis-salib għalija, jiena nrabbi l-kuraġġ għaliex niftakar f'imħabbtek u fil-kbira ħniena Tiegħek. Iva, o Ġesù, inti tħobbni u trid tħenn għalija. Għax tħobbni, jiena ġejt għandek biex tagħtini l-grazzja li għandi bżonn, u għax inti ħanin, għandi tama qawwija li tfarraġni. Flimkien mal-lebbruż intennilek: **"Mulej, jekk trid, Inti tista' tfarraġni".** Tintagħmel, iżda, dejjem fija r-rieda mqaddsa Tiegħek. Jekk dak li qed nitolbok huwa ta' ġid għalija, jiena żgur li Inti tismagħni, għax għedtulna bil-fomm tiegħek stess: "Itolbu u taqilgħu, ħabbtu u jkun lilkom miftuħ."

| | |
|---|---|
| Nihil Obstat | Imprimatur |
| Melita, die 1 Martii 1947 | *Datum In Curia Archiep. Melit.* |
| (s) P. Paulus Tabono O.F.M. | *Die 5 Martii, 1947* |
| Cens. Theol. | *(s) Em. Galea, Ep. Trallian. in Asia* |
| | *Vic. Gen.* |

Ġjakulatorja: *Ġesù Redentur, Salvatur tad-dinja, ħenn għalina*
(100 Jum indulġenza, Mons. Mauro Caruana)
b'degriet ta' 29-8-1920.

*St. Joseph's Printing Press, Hamrun.*

*It-talba lir-Redentur fil-forma t-twila*

F'dan l-ewwel rikors tiegħu Genovese jitlob il-permess biex jiġbed £200 mill-kont li l-Arċikonfraternità kellha fil-*Cassa delle Pie Amministrazioni* sabiex ikun jista' jħallas lill-prokuratur ta' qablu d-dritt tal-amministrazzjoni kif ukoll biex iħallas id-dejn li kien hemm mad-Ditta Spampanato li kienet għamlet **ix-xogħol fl-irħam fl-Oratorju**. Dan ir-rikors għadda lid-depożitarju tal-*Cassa* fit-18 ta' Diċembru u wara li ġie konfermat li flus kien hemm, il-permess ingħata fit-22 ta' Diċembru 1954.

**21 ta' Ottubru 1955**[3]: Għal darb'oħra nerġgħu nsibu żmien ftit twil bejn ir-rikors li għadda u dan t'issa, li sar mill-Kanonku Kantur Antonio Gaffiero li kien is-Segretarju tal-Arċikonfraternità. Fih jispjega li s-**sagristija tal-Oratorju kellha bżonn xi tiswijiet**, flimkien ma' xi travi tal-Oratorju stess, u l-ispiża għal dan ix-xogħol kellha titla' għal madwar £200. Gaffiero jkompli li l-membri kienu qablu li dawn il-flus jintefqu fil-konsulta ġenerali li saret fl-4 ta' Ottubru u għalhekk jitlob lill-Isqof biex jagħtihom il-permess joħorġu l-flus mill-kont tal-*Cassa delle Pie Amministrazioni*. Wara l-proċeduri tas-soltu l-permess ingħata fl-24 ta' Ottubru.

**16 ta' Novembru 1955**[4]: Ftit ġimgħat wara l-Prokuratur Genovese ressaq talba ta' natura kemxejn differenti: din id-darba l-materja kienet biex **it-talb bil-Malti li kien jingħad quddiem ix-xbihat tar-Redentur u tad-Duluri**, li tinsab fil-passaġġ bejn l-Oratorju u l-Bażilika, **jingħataw indulġenza**. Ninnutaw li t-talba lir-Redentur tixbah ħafna lil dak li jingħad illum imma hija



*Ix-xbieha tal-Addolorata fid-daħla tal-Oratorju li t-talb lilha ġie indulġenzjat fl-1955 u fl-1956*

xi ftit itwal u b'xi varjanti żgħar. Grazzi għal dan ir-rikors għandna f'idejna l-forma oriġinali tagħha. Tajjeb ngħidu li minn dan ir-rikors 'il quddiem l-Arċikonfraternità tibda tissejjaħ bħala "tas-Santissimu Kurċifiss u tal-Karità" li jfakkar li fil-bidu tas-seklu tmintax il-Konfraternità

l-ġdida kienet ħadet fuqha l-obbligi tal-Konfraternità li kienet teżisti qabel u li eventwalment twaħħdet magħha.

Talba lil Ġesù Redentur:

*O twajjeb u ħanin Ġesù, Feddej tal-bnedmin, hawn jiena mixħut għarkuptejja quddiemek, mimli kollni tama mill-wegħdiet tiegħek, nersaq bl-umiltà kollha f'riġlejk biex miegħek inserraħ id-dwejjaq tal-qalb tiegħi. Jiena naf li għal dnubieti ma jistħoqqlix nidher quddiemek, imma qalbi sogħbiena għall-imgħoddi, nagħtik kelma soda li qatt iżjed ma nerġa' noffendik. Meta niftakar li Lejk resqu l-aqwa midinbin, u inti ma warrabtx minnhom, jiena nħossni nimtela bit-tama li taħfirli dnubieti u tismagħni.*

*Kbira hija x-xewqa tiegħi, O Ġesù Redentur, li inti tieqaf miegħi fil-bżonnijiet tiegħi kollha. U oh! Kemm huma kbar il-bżonnijiet li bħalissa ninsab fihom. Ix-xejn tiegħi nħossu jaqtagħli qalbi. Imma meta nħares lejk, o Ġesù, u nilmħek imgħobbi bis-salib għalija, jiena nrabbi l-kuraġġ għaliex niftakar f'imħabbtek għalija u fil-kbira ħniena tiegħek. Iva, O Ġesù, inti tħobbni u trid tħenn għalija. Għax tħobbni, jien ġejt għandek biex tagħtini l-grazzja li għandi bżonn, u għax inti ħannin, għandi tama qawwija li tfarraġni. Flimkien mal-lebbrus intennilek: "Mulej, jekk trid, Inti tista' tfarraġni". Tintagħmel, iżda, dejjem fija r-rieda mqaddsa tiegħek. Jekk dak li qed nitolbok huwa ta' ġid għalija, jiena żgur li Inti tismagħni, għax għedtulna b'fommok stess: "Itolbu u taqilgħu, ħabbtu u jkun lilkom miftuħ".*

Din it-talba kienet inkitbet fl-1947 u ngħatat in-Nihil Obstat fl-1 ta' Marzu miċ-Ċensur Teoloġiku P. Pawl Tabone OFM, u mbagħad fil-5 ta' Marzu l-Isqof Galea ta l-permess biex tiġi stampata fuq is-santi u titqassam. Tajjeb insemmu wkoll li magħha kienet tingħata ġakulatorja "Ġesù Redentur, Salvatur tad-dinja, ħenn għalina" li kienet diġà indulġenzjata fl-1920 mill-Isqof Mawru Caruana.

It-talba lill-Marija Addolorata:

*O Marija Addolorata, li bid-duluri tiegħek waqt il-ħajja u l-passjoni ta' Ibnek Ġesù ħadt sehem fil-fidewa tal-bnedmin, idħol issa inti wkoll għalina fit-tbatijiet u n-niket tagħna, u qawwilna r-ruħ tagħna fil-Fidi sabiex bir-rassenjazzjoni meħtieġa nagħrfu nissuperaw kull tfixkil f'din id-dinja u naqilgħu l-hena ta' dejjem fl-oħra. Hekk ikun.*

Din inkitbet ftit ġranet qabel tressaq ir-rikors, u ngħatat in-Nihil Obstat fit-12 ta' Ottubru miċ-Ċensur P. Alfons M. Camilleri OFM u l-permess biex tiġi stampata fuq is-santi ngħata eżatt xahar wara fit-12 ta' Novembru. Il-fatt li r-rikors biex dawn it-talbiet jiġu indulġenzjati tressaq biss erbat ijiem wara li ngħata l-permess li din it-talba lill-Addolorata tiġi stampata jtina x'nifhmu li mill-1947 kien għadu ma nibitx il-ħsieb li ssir din is-supplika għat-talba lir-Redentur, u li din fl-aħħar intalbet bl-iskuża tat-talba l-ġdida lill-Addolorata.

Fi tmiem dan ir-rikors insibu nota mill-Arċisqof Mikiel Gonzi ddatata 19 ta' Novembru li fiha jagħti indulġenza ta' 200 jum lil min jgħid dawn it-talbiet.

**23 ta' Marzu 1956**[5]: Jidher li fuq it-talba lir-Redentur kien hemm xi nuqqas ta' qbil għax erba' xhur wara Genovese reġa' ressaq rikors biex din **l-istess talba tiġi indulġenzjata**. Jista' jagħti l-kas li peress li n-nota tal-Arċisqof kienet tinsab taħt it-talba lill-Addolorata għadda l-ħsieb li l-indulġenza kienet tgħodd għaliha biss! Imma fil-fatt Gonzi kien kiteb *Indulgentiam bis centum dierum pro utraque concedimus* li tfisser li kkonċeda l-indlunġenza ta' mitejn jum liż-żewġ (*pro utraque*) talbiet. Il-preżenza tan-nuqqas ta' qbil toħroġ aktar ċara peress li Genovese jispjega li t-talba ġa kienet ġiet approvata mill-Kurja f'Marzu tal-1947 u li kienet tingħad kull nhar ta' Ġimgħa minn numru kbir ta' devoti li kienu jżuru x-xbieha mirakoluża tar-Redentur fl-Oratorju.

L-Arċisqof ma qagħadx iħaqqaqha u fis-27 ta' Marzu 1956[6] kiteb li qiegħed jagħti 200 jum indulġenza skont id-drawwa tal-Knisja lil min jgħidha.

**23 ta' Marzu 1956**[7]: Fl-istess jum tressaq rikors ieħor marbut max-xbieha tal-Addolorata li hemm fil-passaġġ li mill-Oratorju jagħti għall-Bażilika. Din id-darba Genovese jitlob li tingħata **indulġenza lil kull min jgħid Salve Regina** quddiem din ix-xbieha. Dan jista' jfisser li t-talba li nkitbet ftit xhur qabel ma kinetx rabbiet il-popolarità mixtieqa u n-nies kienu baqgħu jgħidu s-Salve Regina. Did-darba l-Arċisqof jidher li ħasibha darbtejn qabel ta l-indulġenza, imma din waslet fit-13 ta' April u kienet ukoll tikkonsisti f'200 jum.

**19 ta' Ottubru 1956**[8]: Aktar tard fl-istess sena l-prokuratur reġà kiteb biex jingħata l-permess jieħu £40



*Il-pittura tad-Duluri ta' Giaquinto li ġiet restawrata fl-1956*

mill-fondi tal-Arċikonfraternità biex bihom ikun jista' jħallas għar-**restawr tal-pittura tal-Addolorata**, li hija xogħol Corrado Giaquinto lejn is-sena 1720, qabel ma' din terġa' titpoġġa fuq l-artal tagħha fil-Bażilika l-ġdida biswit il-passaġġ li jagħti għall-Oratorju. Il-permess mixtieq ingħata fid-9 ta' Novembru. Dan ir-rikors jurina li l-bini tal-Bażilika issa kien prattikament intemm tant li kienet qed terġa' tibda tiġi mgħammra bil-pitturi li kienu tneħħew minħabba l-gwerra.



*Il-faċċata tal-artal tar-Redentur qabel ma sar tal-irħam fl-1957*

**13 ta' Marzu 1957**[9]: Il-Kanonku Gaffiero bħala Segretarju tal-Arċikonfraternità informa lill-Arċisqof li fil-konsulta ġenrali li saret fit-30 ta' Diċembru 1956 kien intlaħaq qbil li **l-faċċata tal-artal tar-Redentur li jinsab fl-Oratorju ssir tal-irħam** u li din kellha tiswa' madwar £500[10], u għalhekk jitolbu biex il-prokuratur jingħata l-permess biex dan ix-xogħol jinbeda. Flimkien mar-rikors ingħata wkoll ritratt ta' kif kellu jsir l-irħam.

Fi tmiemu nsibu nota ddata 15 ta' Mejju li dan l-abbozz kellu jingħata lill-*Giunta Diocesana per la tutela delle Antichità Ecclesiastiche* biex tagħti l-ġudizzju tagħha fuq dan il-proġett; il-*Giunta* ma sabet l-ebda problema. Imbagħad nhar l-14 ta' Ġunju r-rikors għadda lid-depożitarju tal-*Cassa delle Pie Amministrazioni* li vverifika li l-Arċikonfraternità kellha għad-dispożizzjoni tagħha £650 li ma kinux marbutin b'obbligi oħrajn, kif ukoll kellha £750 oħra li kienu ġew mill-*War Damage Commission*. Il-permess, biex ix-xogħol fl-irħam isir, ħareġ fis-17 ta' Ġunju.

**13 ta' Marzu 1957**[11]: Fl-istess ġurnata



*Il-prospettiva tal-artal tal-Addolorata fil-Bażilika li kienet l-ewwel waħda li nksiet bl-irħam fl-1957*

l-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss u l-Karità ressqet rikors ieħor li permezz tiegħu talbet biex **il-prospettiva tal-artal tal-Addolorata fil-Bażilika tiġi miksija bl-irħam**. Kien intlaħaq ftehim bejn il-membri fil-konsulta ġenerali li saret fit-30 ta' Diċembru ta' qabel. Id-disinn ta' kif kellu jsir sar mill-Kav. Vincenzo Bonello, u dan kien inkluż mar-rikors. L-ispiża kellha titla' għal madwar £233 u għalhekk is-segretarju kien qiegħed jitlob il-permess biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Jidher li fuq dan kien hemm xi intoppi wkoll għax l-abbozz għandha għand il-*Giunta Diocesana per la tutela delle antichità ecclesiastiche* fil-15 ta' Mejju. Il-*Giunta* ma sabet l-ebda problema u xahar wara għadda għand id-depożitarju tal-*Cassa delle Pie Amministrazioni* li vverifika li l-Arċikonfraternità kellha dak l-ammont bla rabtiet. Il-permess ħareġ fil-15 ta' Ġunju.

**11 ta' Frar 1958**[12]: Is-sena 1958 kienet waħda importanti għax mhux biss fiha l-Bażilika reġgħet ġiet ikkonsagrata, imma kienet ukoll is-sena li fiha reġgħet daħlet l-istatwa maħbuba tal-Bambina. Minn din is-sena għalhekk ninnutaw li r-rikorsi aktar jikkonċernaw tiżjin u apparat tal-Arċikonfraternità li kellu jintuża fil-bażilika milli fl-Oratorju.

L-ewwel minn dawn jirrigwarda żewġ ventartali tal-fidda. F'dan ir-rikors is-segretarju l-Kanonku Gaffiero jinforma li fil-konsulta tat-30 ta' Diċembru 1956 kien ġie deċiż li l-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss takkwista **l-ventartal tal-fidda li kien jintuża għall-artal maġġur** fil-granet tal-festa biex issa jibda jintuża fl-Oratorju u li floku l-istess Arċikonfraternità kellha tagħti bħala rigal



*Il-ventartal tal-artal maġġur tal-Bażilika akkwistat mill-Arċikonfraternità fl-1958 għall-użu fl-Oratorju*



*Il-ventartal tal-fidda ta' San Franġisk de Paola li ġie rregalat mill-Arċikonfraternità fl-1958*



*Il-gandlieri tal-fidda tal-artal tal-Addolorata li saru fl-1960 u l-istatwetti li ġew arġentati fl-istess sena*

**ventartal ġdid tal-fidda biex jibda jintuża għall-artal ta' San Franġisk ta' Paola** peress li dan kien l-uniku artal li kien għadu mingħajr ventartal tal-fidda.

Ir-raġuni għala l-Arċikonfraternità setgħet tagħmel din it-talba kienet għax il-Bażilika l-ġdida kienet mibnija mingħajr artal maġġur u għalhekk il-ventartal ma kellux użu. B'din l-offerta dan il-ventartal prezzjuż baqa' fil-Belt Senglea u beda jintuża quddiem l-artal tal-Kurċifiss, kif għadu jsir sal-lum. Il-ventartal li rregalat l-Arċikonfraternità minflok huwa ferm iżgħar għalhekk nistgħu ngħidu li ġiet minn fuq.

Flimkien mar-rikors kien hemm id-disinn tal-ventartal il-ġdid, li kien sar mill-Kav. Vincenzo Bonello. L-istima tiegħu kienet ta' £700. Is-segretarju jinforma wkoll li l-Arċikonraternità kellha biżżejjed kapitali li ma kinux marbuta b'obbligi investiti fil-*Cassa delle Pie Amministrazioni*. Għaldaqstant talab lill-arċisqof japprova d-disinn il-ġdid biex b'hekk ikun jista' jsir l-akkwist. Dakinhar stess id-disinn mar għand il-*Giunta* u ġie approvat. Ġimgħa wara d-depożitarju tal-*Cassa* kkonferma li l-Arċikonfraternità kellha depożitu ta' £150 bħala flus liberi kif ukoll £750 oħra li kienu ġew mill-*War Damage Commission*. Il-permess biex isir il-ventartal u jinbidel ma' dak tal-maġġur ħareġ fid-19 ta' Frar.

**13 ta' Ottubru 1958**[13]: Ix-xogħol fil-Bażilika kompla anke wara li ddaħħlet il-Bambina. Dan narawh minn dan ir-rikors li fih is-segretarju talab biex l-Arċikonfraternità tixri **tapit biex jintuża fuq l-artal bażilikali fil-festi tar-Redentur u tal-Kurċifiss**. Dan kellu jiswa £34. Problemi ma kienx hemm u l-permess ingħata jumejn wara.

**23 ta' Diċembru 1958**[14]: Xahrejn wara s-Segretarju informa lill-Arċisqof li fil-konsulta ġenerali li saret fil-5 ta' Ġunju l-membru qablu li l-Prokuratur jixtri **damask iswed biex jintuża fil-Bażilika tul il-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa** peress li d-damask li kien hemm kellu ħafna ħsara. L-ispiża kellha tkun ta' madwar £150, u għalhekk talab permess biex dan ikun jista' jinxtara. Dan ingħata dakinhar stess.

**21 ta' Settembru 1959**[15]: Fit-18 ta' Frar 1959 il-membri tal-Arċikonfraternità kienu qablu li jsiru **sitt gandlieri tal-fidda għall-artal tal-Addolorata** li jinsab fil-Bażilika u li kien jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Id-disinn għal dawn il-gandlieri kien sar minn Mariano Gerada[16]. Is-somma meħtieġa kienet ta' £1400. Is-segretarju jispjega li fil-*Cassa* delle Pie Amministrazioni kien hemm diversi kapitali ħielsa li kellhom ilaħħqu biex tinbeda din l-ispiża. Gaffiero għalhekk jitlob permess biex il-prokuratur jiġbed l-ewwel £300 bħala kapparra għax-xogħol li kellu jsir. Flimkien mar-rikors ġie preżentat id-disinn ta' Gerada. Dakinhar stess, fil-21 ta' Settembru, id-depożitarju kkonferma li l-Arċikonfraternità kellha £700 bħala flus ħielsa u għalhekk setgħu jinġiebu l-ewwel £300. Il-permess biex dawn isiru ħareġ fl-istess ġurnata[17].

**30 ta' Settembru 1959**[18]: Ix-xogħol fuq l-artal tal-Addolorata ma waqafx hemm, bħalma jurina dan ir-rikors li fih il-Prokuratur Genovese jitlob il-permess biex juża £32 mill-flus li kellha f'idejha l-Arċikonfraternità biex **jiġu arġentati l-erba' statwetti** li jintużaw fuq l-istess artal fil-ġranet tal-festa. Il-permess ingħata bla problemi fit-3 ta' Ottubru.

**21 ta' Settembru 1960**[19]: L-aħħar rikors li se naraw f'din is-sensiela huwa tal-Prokuratur Genovese u għal darb'oħra jikkonċerna l-artal tal-Addolorata li jinsab fil-Bażilika. Fih il-Prokuratur jinforma lill-Arċisqof li l-gandlieri tal-fidda li talbu eżattament sena qabel kienu lesti u ġa kienu jinsabu għandu, u għaldaqstant kien qiegħed jitlob biex jiġbed **£600** oħra bil-kontijiet li l-Arċikonfraternità kellha fil-*Cassa delle Pie Amministrazioni* biex ikun jista' jkompli l-**ħlas lill-arġentier**. Fl-istess ġuranta d-depożitarju tal-*Cassa* kkonferma li ma kien hemm xejn x'jostakola li jittieħdu dawn il-flus u l-permess ħareġ.

**Għeluq**

B'dawn ir-rikorsi li rajna din is-sena temmejna t-tappi prinċipali mill-ħajja tal-Arċikonfraternità tas-Santissimu Kurċifiss fl-ewwel ħmistax-il sena wara l-gwerra u rajna kif apparti l-manutenzjoni tal-Oratorju u t-tisbiħ tiegħu, il-membri ma qagħdux lura milli jieħdu ħsieb l-artal devot tal-Addolorata u anke f'li jġibu l-indulġenzi għat-

talb li kien jingħad mid-devoti li jieqfu jitolbu quddiem ix-xbihat marbutin mal-Arċikonfraternità.

### Referenzi

[1] Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (AAM), *Suppliche* 1953/I, vol. 321, Ref. 53/53.
[2] AAM, *Suppliche* 1954/III, vol. 327, Ref. 715/54.
[3] AAM, *Suppliche* 1955/III, vol. 330, Ref. 602/55.
[4] ibid, Ref. 660/55.
[5] AAM, *Suppliche* 1956/I, vol. 331, Ref. 258/56.
[6] Ir-rikors jinsab fil-volum tal-1956 imma qiegħed imniżżel li tressaq fit-23 ta' Marzu 1955, imma dan probabbilment kien żball tal-Kanċillier G. Mifsud peress li l-indulġenza ngħatat fl-istess xahar u s-sena hija miktuba 1956. Diffiċilment naħseb li tressaq sena qabel, għamel sena jistenna/mitluf u mbagħad ġie maqtugħ fl-1956 wara li kienet diġà tressqet l-istess supplika flimkien mat-talba lill-Addolorata f'Novembru ta' qabel.
[7] AAM, *Suppliche* 1956/II, vol. 332, Ref. 278/56.
[8] AAM, *Suppliche* 1956/IV, vol. 334, Ref. 712/56.
[9] AAM, *Suppliche* 1957/II vol. 336, Ref. 375/56.
[10] Għal xi raġuni Gaffiero l-ewwel kiteb £800, imbagħad qata' din iċ-ċifra u kiteb waħda rħas fuqha.
[11] AAM, ibid, Ref. 376/56
[12] AAM, *Suppliche* 1958/I, vol. 338, Ref. 111/58.
[13] AAM, *Suppliche* 1958/IV, vol. 341, Ref. 639/58.
[14] ibid., Ref. 796/58.
[15] AAM, *Suppliche* 1959/III, vol. 345, Ref. 640/59.
[16] Gerada kien ilu mejjet xi 130 sena meta sar dan ir-rikors. Nifhmu li d-disinn kien għamlu għal xi sett gandlieri oħra li baqgħu ma sarux.
[17] Huwa kurjuż il-fatt li d-disinn ma għaddiex ukoll f'idejn il-*Giunta Diocesana per la tutela delle Antichità Ecclesiastiche*.
[18] AAM, *Suppliche* 1959/IV, vol. 346, Ref. 682/59.
[19] AAM, *Suppliche* 1960/III, vol. 349, Ref. 603/60.

